KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sebghin (70)***

***It-Tlieta, 13 ta' Gunju, 2017***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela, ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-5:30pm***

**70.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

70.1.1 Ma kien hemm ebda ittra ta' apologija imressqa.

**70.2 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart: Jannar –Marzu '17**

*F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda is-Sur Laurence Manicaro, ghan-nom ta' Parker Randall Turner, l-accountants tal-Kunsill.*

70.2.1 Is-Sur Manicaro fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn ta rendikont tal-kontenut finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena (Jannar-Marzu 2017)

70.2.2 Wara li inghatat spjegazzjoni tal-kontenut, is-Sindku Darren Abela ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart, perjodu Jannar sa Marzu 2017.
Proponent: il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: il-Kunsilliera Rose Agius

70.3.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-sena 2017 ġie approvat unanimament.

**70.3 Approvazzjoni tal-Budget ghas-sena 2017**

70.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-*budget* ghas-sena 2017.

70.3.2 Il-figuri imnizzlin fuq il-*budget* gew diskussi matul il-laqgha.

70.3.4 Wara li inghatat spjegazzjoni tal-kontenut, is-Sindku Darren Abela ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-*Budget 2017*
Proponent: il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: il-Kunsilliera Rose Agius

70.3.5 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-Budget ghas-sena 2017 ġie approvat unanimament.

*F'dan l-istadju tal-laqgha, l-accountants tal-Kunsill hargu mill-kamra*

*Attendiet fil-kamra tal-Laqghat tal-Kunsill rapprezentanta tas-St Philips Pharmacy*

Ir-Rapprezentanta tas-St Philips Pharmacy tkellmet dwar l-interess taghha sabiex tixtri il-garaxx tal-Kunsill. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni li jbiegh il-garaxx izda jrid isib garaxx iehor li jinkera jew jinxtara. Din il-materja tkompli tigi diskussa fil-laqghat li gejjin.

*F'dan l-istadju harget mill-kamra r-Rapprezentanta tas-St.Philips Pharmacy.*

**70.4 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;</u>**

70.4.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 69 li nzammet nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju 2017.

70.4.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 69 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

70.4.3 Il-Kunsilliera Miriam Schembri staqsiet dwar materja numru 69.7.4. Is-Sindku spjega li tkellem mas-sidien kollha ta' Dar il-Bebbux u qablu li tinbiegh u ghaldaqstant intbaghtet ittra lil Ministru dwar din it-talba.

70.4.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 69. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 69 gew approvati unanimament.

**70.5 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

70.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Numru 70-2017 bic-cekkijiet numru 5640 sa 5693 li tammonta €41,747.22

70.5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv tat spjegazzjoni tal-lista ta' pagamenti, fejn infurmat li mal-lista ta' pagamenti kien hemm ukoll ir-reklamar fuq il-medja socjali li ammonta €529.29.

70.5.3 Ghaldaqstant is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-ammont ta' €41,747.22
Proponent: Keith Fenech
Sekondant: Miriam Schembri

70.5.4 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 70-2017 giet approvata unanimament.

**70.6 <u>Attendenza f'Laqghat relatati mal-Kunsill</u>**

70.6.1 Il-Kunsilliera Rose Agius attendiet il-Prize Day tal-iskola

70.6.2 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo attenda laqgha tar-Regjun fejn inghatajna l-ammont ta' Eur3651.94 bhala pagament ta' distribuzzjoni allokat lill-Kunsill ghac-citazzjonijiet, bi qbil mal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

70.6.3 Il-Kunsilliera Miriam Schembri ghamlet interview interessanti dwar l-isports.

**70.7 <u>Korrispondenza</u>**

70.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet talba dwar attivita' ta' talb fuq Santu Rokku nhar il-5 ta' Lulju 2017. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni.

70.7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza minghand id-Dipartiment fejn infurmawna li l-ammont ta' €120,835.12 li l-Kunsill inghata mill-PPP se jittiehdu lura. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li infurmat lid-Dipartiment rigward il-Phase 1 u Phase 2 li saru fl-2012 u l-2013. Ghaldaqstant f'dan l-istadju l-Kunsill ressaq mozzjoni dwar jekk il-Kunsill ghandux ikompli x-xoghlijiet ta' toroq taht l-iskema PPP fejn il-Kunsill qabel unanimament li peress li il-kuntrattur ma jridx ikompli jahdem b'dawk ir-rati, il-kuntratt ghandu jieqaf.

70.7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar il-korrispondenza li ntbaghtet minghand it-2minds events fejn infurmat li mill-ammont pendenti dovut lill-Kunsill hallas €1400 sa l-ahhar ta' Mejju 2017. Il-Kunsill qabel li l-kumplament (€1510.28) ghandhom jithallsu €700 sal-ahhar ta' Gunju, filwaqt li l-kumplament ta' €810.28 jithallsu sa l-ahhar ta' Lulju.

70.7.4 Rigward it-tazzi linxtraw ghac-Cheese and Wine Festival is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ingabru €755 mill-bejgh tat-tazzi minghand il-kazini kollha. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandub jhallas it-tazzi mibjughin u l-kumplament jinghata donazzjoni lill-Ghaqda Filantropika Ghaxqija. Din id-donazzjoni ghandha tinghata waqt laqgha tal-Kunsill.

70.7.5 Tressqet kwotazzjoni ghall-*camera* fil-pjazza ta' fejn il-ground il-kbir ghax qed jintrema ammont kbir ta' skart goff. Il-kwotazzjoni ghall-*cameras solar* hija ta' €1040 filwaqt li ghal *cameras* bl-*internet* l-ispiza hija ta' €750. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li japprova l-kwotazzjoni ta' €750. Rigward l-ammont ta' skart li qed jintrema, il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemmhekk it-trakk tal-gbir ta' skart ma jidholx. Il-Kunsill qabel li ghandu jkellem lil ta' trakk biex jidhol minhabba li hemmhekk jaghddu trakkijiet kbar. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jintbaghtu ittri fid-djar tal-madwar kollha. Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob stima ta' *camera* ohra.

70.7.6 Tressqet korrispondenza mibghuta lis-Sindku minghand persuna li qed jilmenta dwar l-iskips ta' Triq G.M.Farrugia fejn talab li jkun jaf min mill-Kunsilliera irid li l-iskips jibqghu hemm. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob rendikont ta' kemm jintuzaw il-bring-in-sites tal-lokal.

**70.8 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

70.8.1 Is-Sindku Darren Abela qal li meta jinghata it-tender tal-patching ghandha titkompla l-bankina ta' Triq il-Fidloqqom, kif ukoll il-bankina ta' Triq Ic-Cimiterju u Triq il-Belt Valletta sa Sqaq Vova.

**70.9 <u>Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera</u>**

70.9.1 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemm bzonn qtugh ta' haxix fl-ghalqa ta' Triq il-Qattus. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat lill-Cleansing Department, kif ukoll tintbaghat korrispondenza lis-sanita minhabba li hemm ammont ta' hmieg. Il-Kunsill qabel li jekk ma jinghatax risposta iqabbad lil xi hadd bi tractor.

70.9.2 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemm bzonn ukoll li tinkines Triq il-Qattus.

70.9.3 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hemm bzonn qtugh ta' haxix fi Triq Ta' Loretu.

70.9.4 Il-Kunsilliera Miriam Schembri staqsiet dwar fejn se jitpogga il-bust tal-ghannej. Is-Sindku Darren Abela qal li se jitpogga magenb il-ground tal-football fil-Bypass.

**<u>70.10 Tmiem tal-Laqgha u l-Aggornament tal-Laqgha li jmiss</u>**

70.10.1 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8:00pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |